MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 43/2005

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Charles Camilleri, iben Carmelo,
imwieled Pieta’ fid-9 ta’
settembru, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’xi żmien bejn it-12 ta’ frar, 2004 u id-9 ta’ diċembru, 2004 f’Birżebbuġia u\jew f’inħawi oħra f’dawn il-Gżejjer, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentementgħamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz billi ffalsifika in-numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Ford Transit, bin-numru tar-

reġistrazzjoni CAA 838, u cioe' billi stampa numru tac-chassis mhux oriġinali li jaqra 'BDVCWD330710';
2. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi ffalsifika n-numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Ford Transit, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAA 838, u cioe' billi stampa numru tac-chassis mhux oriġinali li jaqra 'BDVCWD330710';
3. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanżi, mingħajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, għamel, ordna jew ġiegħel l-egħmil ta' xi tibdil fin-numru tac-chassis tal-vettura tal-marka Ford Transit, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAA 838, u cioe' billi stampa numru tac-chassis mhux oriġinali li jaqra 'BDVCWD330710'.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-18 ta' ottubru, 2005 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' ottubru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 91 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta' l-1994) u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200). Tordna l-konfiska tal-vettura Ford Transit, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAA 838, favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------